MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 87/2009

**Michael Attard Limited (C32362)**

**Vs**

**Mohan Bharwani (ID 415366M)**
**u Christine Bharwani (ID 446081M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundananti li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' €4,393.90 (erbat elef tliet mija u tlieta u disghin ewro u disghin centezmu) rapprezentanti import t'ghaxar (10) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-intimati.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbal tas-seduta tat-22 ta' April 2009 (fol 9 tal-istess atti) kif ukoll il-fotokopja tal-kambjalijiet imsemmijin esebiti b'nota a fol 10 tal-atti, bl-original taghhom jinzammu taht il-kustodja tar-Registratur, Qrati u Tribunali Civili.

Ikkunsidrat

Illi, kif jirrizulta mill-imsemmi verbal a fol 9 tal-atti, il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici, presenti l-Avukat difensur taghhom.

Illi jidher ukoll illi l-kambjalijiet in esami jew presentati fir-Registru tal-Qorti ghall-iskop premess fl-istess verbal tas-seduta tat-22 ta' April 2009.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-intimati, konvenuti, sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4393.90 bl-imghax legali ulterjuri mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------